MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF RAYMOND C. PACE

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 357/2007/1

**Avviz Numru: 357/2007JAB**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Adrian Caruana (K.I. numru 199376(M))**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fit-3 ta' Novembru 2010 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

*"Il-Qorti,*

*Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jghid 'il ghaliex ma ghandu jkun ikkunannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' Lm4,127.67 (erbat elef, mija u sebgha u ghoxrin Liri Maltin u sebgha u*

*sittin centezmu) ekwivalenti ghal €9,614.88 (disat elef, sitt mija u erbatax-il ewro u tmienja u tmenin centezmi) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account' tal-konvenut mal-Bank Of Valletta p.l.c. (Dok A) flimkien mal-imghax ulterjuri mid-29 t'Ottubru 2007 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Il-konvenut Adrian Caruana naqas milli jirrestitwixxi s-somma fuq imsemmija import ta' cheque ritornat lill-bank mill-bank esteru bir-rimarki 'suspected fraud'.*

*Bl-ispejjez inkuzi dawk tal-ittra ufficjali datata fit-30 t'Awwissu 2007 (Dok B) u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie prezentat mal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.*

*Rat l-annessi dokumenti a fol 2, 3 u 6 tal-istess atti.*

*Rat ir-risposta tal-konvenut (fol 15 ibid) u li biha, espona bir-rispett:*

*Illi t-talbiet attrici huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi fl-ewwel lok huwa qatt ma' talab jew accetta illi jkollu loan account mas-socjeta` attrici.*

*Illi fit-tieni lok it-talbiet attrici huma nfondati wkoll peress illi ic-cheque in kwistjoni gie msarraf mis-socjeta' attrici wara illi huma kienu gja kkonfermaw mal-intimat illi kienu vverifikaw illi kienu ghamlu l-verifiki kollha opportuni dwar l-istess.*

*Illi minghajr pregudizzju, fi kwalunkwe kaz it-talba attrici hija eccessiva peress illi l-bank attur diga` ddettjena, purche` abbuzivament, is-somma ta' circa elf Lira Maltin (Lm1,000) minn dak li kien parti mill-import tac-cheque in kwistjoni.*

*Illi fi kwalunkwe kaz l-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta` attrici.*

*Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 40 u fol 67.*

*Ikkunsidrat*

*Illi, permezz ta' 'affidavit' sottomess mis-socjeta' attrici (fol 21 et seq ibid) Martin Vella, fil-kwalita` tieghu hemm premessa xehed illi l-konvenut, fit-3 ta' Novembru 2006, kien ippresenta 'cheque' (ara fol 25 ibid) ghal pagament f'fergha tal-istess socjeta' attrici u dan b'import ta' £6,000 u mahrug, favur l-istess konvenut, mis-socjeta' hemm indikata fuq bank barrani. L-import tal-istess 'cheque' kien gie depositat f'appositu kont ta' tfaddil numru 40015597746 f'isem il-konvenut, wara li l-istess import kien gie konvertit f'Liri Maltin b'kollox Lm3,768.23 (€8,777.61). Kif inhi l-prattika f'kazijiet bhal dawn l-istess flus depositati kienu nzammu ghal perijodu ta' tletin (30) jum. Difatti jekk wiehed jara d-dokument a fol 26 ibid, il-konvenut kien iffirma ircevuta li fiha jinghad illi l-istess 'cheque' kien qed jigi accettat u msarraf 'with recourse' u l-Bank kien qed jzomm id-dritt li jipproponi d-disponibbilta` tal-fondi depositati u li jitlob ir-rifuzjoni tal-istess fondi depositati jew jaddebita l-istess kont f'kaz li l-istess 'cheque' ma jigiex onorat. Wara din il-klawsola fin-naha ta' isfel tal-istess ircevuta, hemm il-firma tal-konvenut. Wara li sar dan, l-istess 'cheque' intbaghat barra minn Malta sabiex jsir 'l hekk imsejjah 'clearance'. Fil-fatt fit-22 ta' Dicembru 2006, gie a konjizzjoni tas-socjeta' attrici illi l-istess 'cheque' ma giex 'cleared' u kien ser jintbaghat lura minhabba 'suspected fraud' (ara fol 27 u fol 28 ibid). Pero, fil-frattemp, il-perjodu ta' tletin (30) jum msemmi kien skada u l-fondi depositati kienu gew rezi disponibbli lill-konvenut u dan, da parti, tieghu, kien zbanka parti mill-fondi depositati ossija Lm2,590.16 u kien fadal bilanc ta' Lm1,181.54 u ghalhekk, oltre li dan il-bilanc kien gie 'ibblokjat' il-konvenut intalab li jirrifondi l-imsemmi ammont sbankat minnu izda minghajr esitu posittiv u ghalhekk saret din il-kawza ghall-ammont kollu depositat.*

*Illi xhud iehor, Victoria Cassar (ara l-'affidavit' a fol 33 ibid) ziedet tghid illi meta l-konvenut kien gie mitlub jirrifondi l-imsemmija somma, hu kien qal li ma kellux flus sabiex jaghmel dan, u '… li dan li tah ic-'cheque' ma jafux ghax hu kien biss biegh mutur fuq l-'E Bay'. Inoltre l-konvenut kien gie offrut self mill-Bank izda jidher li ma kienx*

*accetta. Difatti a fol 58 et seq ibid jinsabu zewg 'sanction letters' li ma gewx iffirmati mill-konvenut.*

*Ikkunsidrat*

*Illi l-konvenut (fol 54 et seq ibid) wara li spjega ghal liema raguni kien irceva l-istess 'cheque' u li ma kinetx dik risultanti mix-xhieda ta' Victoria Cassar, kompla billi qal illi hu kien sarraf l-istess 'cheque' izda l-Bank kien spjegalu illi l-import tieghu ma kienx disponibbli qabel l-iskadenza ta' tletin (30) jum. Wara li skadew madwar erbghin (40) jum, hu kien gie informat li l-flus depozitati kienu tieghu u disponibbli ghalih u ghalhekk hu zbanka madwar zewg terzi tal-fondi. Pero madwar hamest (5) ijiem wara, kien gie informat li kellu jrodd lura l-ammont sbankat ghar-raguni gja premessa waqt li l-flus li kienu ghadhom fil-kont kienu gew 'frizati'. Inoltre kien irceva, ukoll, wara li ghadda xi zmien zewg 'sanction letters' li permezz taghhom kien gie propost lilu ftehim ta' self ghall-ammont kollu originarjament depositat minnu, inkluz dak li kien ghadu depozitat. Wara li sostna li ma kellu l-ebda dokumentazzjoni dwar l-inkarigu li hu kien esegwixxa ghad-ditta barranija, hu kkonferma li fuq wara tal-istess 'cheque' ('girata') u fuq l-imsemmija ircevuta, kien hemm il-firma tieghu izda 'Jiena ma kontx innutajt meta iffirmajt id-Dok MV2 dawk il-kliem li huma …. Ezattament vicin il-firma tieghi' u ' hadd ma gibidli l-attenzjoni verbalment ….' fuqhom.*

*Ikkunsidrat*

*Illi, wara li saret referenza, ghal dak kollu rilevanti u rizultanti mill-provi kif esposti, ghandu jigi rilevat illi:-*

*1) Hu minnu li kienu skadew it-tletin, (30) jum imsemmija u li l-konvenut kien zbanka parti mill-flus depositati. Izda hu minnu wkoll illi fid-dawl tal-istess provi u in konnessoni ma  dak li gara f'dan il-kaz is-socjeta' attrici ghandha d-dritt li tesigi r-refusjoni tal-ammont invout u dan skont ir-regoli generali li jirregolaw strumenti kreditizji u li jinsabu fil-Kodici tal-Kummerc (Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta) tenut kont, b'mod specjali illi s-socjeta' attrici accettat l-*

*istess cheque bid-dritt ta' 'recourse' ossija rivalsa fil-konfront tal-konvenut, fil-kazijiet imsemmijin fl-ircevuta relattiva ffirmata mill-konvenuta, meta ggira l-istess 'cheque' favur il-Bank.*

*2) Pero, hawnhekk, il-Qorti tinsab ristretta minnu dak premess fir-rikors promotur. Difatti jirrizulta mill-istess rikors illi il-bazi ta' din l-azzjoni hija indikata bhala 'bilanc ghad-debitu fil-'loan account tieghek mal-Bank …'. Dan juri li s-socjeta' attrici qed tippretendi l-hlas tas-somma involuta a bazi ta' self ('mutuum') regolata mill-Kodici Civili. Dwar dan il-kuntratt, jrid jirrizulta li bejn l-istess partijiet, kien gie pattwit dan il-ftehim bilaterali. Izda mill-istess provi, jirrizulta illi tali ftehim ma sarx bejn il-partijiet waqt li kienu ntbaghtu lilu zewg 'sanction letters' mhux accettati u ffirmati mill-konvenut.*

*Illi, ghalhekk, trattasi f'dan il-kaz, ta' premessa li ma tezistix la fil-fatt la fid-dritt, il-Qorti ma tistax takkolji t-talba in ezami.*

*Ghal dawn il-motivi, l-Qorti waqt li tilqa' l-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici waqt li in rigward l-ispejjes, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, dawn ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. Din id-decizjoni qed tinghata b'riserva 'si et quatenus' ghal kull dritt spettanti skont il-ligi lill-istess socjeta' attrici.*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici Bank of Valletta datat 16 ta' Novembru 2010 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Marzu 2011.

Rat ir-risposta ta' Adrian Caruana datata 3 ta' Dicembru 2010 a fol 13 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-12 ta' Mejju 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Dominic Cassar ghall-bank appellant u Dr. Roberto Montalto ghall-appellat prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2012; u l-verbal tal-31 ta' Jannar 2012 fejn il-kawza giet differita ghat-2 ta' Frar 2012 ghall-istess skop tal-verbal precedenti; u tat-2 Frar 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta' Frar 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 3 ta' Novembru 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravju tas-socjeta' appellanti huwa fis-sens (1) li kontrarjament ghal dak li qalet l-Ewwel Qorti l-flus gew mitluba mhux fuq l-istituzzjoni ta' *mutwu* izda ghaliex il-flus gew imqeghda ghad-disposizzjoni tal-konvenut f'facilita' bankarja ta' *loan,* li l-Bank ghamel disponibbli lil kull min jitlob li jsarraf *cheque* esteru; (2) illi *dato ma non concesso* li t-talba attrici ma kienitx tirrifletti l-kawzali vera tal-kawza odjerna, la darba l-avviz huwa ordni sabiex tidher ghall-kawza, mela l-Qorti tista tidhol fuq dak li jirrizultalha avolja ma jkunx precizament jidhol fit-talba originali (**artikolu 213 tal-Kap. 12);** it-talba ghar-restituzzjoni ta' somma versata mill-attur appellant import ta' *cheque* li gie ritornat mill-bank esteru bir-rimarki suspected fraud hija t-talba mfissra fl-avviz, izda jekk le, mela allura l-principji gudizzjarji abbazi ta' dan l-artikolu msemija, u skond gurisprudenza citata mill-appellanti fir-rikors tal-appell tieghu, mela allura dan huwa dritt li jidhol sew fit-talba originali; u (3) dan iktar meta l-Ewwel Qorti sostniet li s-socjeta' attrici ghandha d-dritt li tesigi r-rifuzjoni tal-ammont involut u dan skond regoli generali li jirregolaw strumenti kreditizzji u jinsabu fil-Kodici tal-Kummerc u

ghalhekk l-Qorti ma setghetx tirritjeni li hija tinsab ristretta minn dak premess fir-rikors promotur".

Illi l-fatti jinsabu riportati fis-sentenza tal-Ewwel Qorti hawn riprodotta fl-intier taghha u jidher car mill-provi li l-ammont li qed titlob is-socjeta' attrici huwa import ta' *cheque* mahrug minn Bank esteru favur l-appellat, li gie msarraf mill-Bank attur, bil-fondi tal-istess maghmula disponibbli mill-Bank lill- konvenut wara perjodu ta' tletin gurnata li Bank informa lill-konvenut/appellat li kellu jistenna sakemm ikun jista' jutilizza l-istess fondi; meta c-*cheque* ma ssarafx mill-Bank li hargu, l-Bank lokali talab lura lill-appellat il-flus li kien lahaq gibeb l-istess konvenut mill-flus li l-Bank stess ghamel disponnibli lilu f'kont appositu, u dan ghalkemm l-istess Bank xorta zamm (taht il-pretiza tad-dritt ta' *ius retentionis*), parti mis-somma li l-istess Bank sab fl-istess kont, li kienet tkopri parti mill-istess fondi koperti bl-istess *cheque*, u li l-konvenut kien ghadu ma gibidx, u dan ghalkemm ir-rikjesta mill-Bank kienet tirreferi ghar-restituzzjoni ta' l-ammont kollu tac-*cheque* oltre imghax mid-data tal-11 ta' Gunju 2007 sad-data tad-19 ta' Ottubru 2007.

Illi minn dan kollu din il-Qorti thoss li l-kawzali tal-azzjoni kif kienet prezentata ma' kellha x'taqsam xejn ma' dan ghaliex din qed tirreferi ghall-ammont ta' €9,614.88 li qed jissejjah bhala *"bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tal-konvenut mal-Bank Of Valletta p.l.c. (Dok A) flimkien mal-imghax ulterjuri mid-29 t'Ottubru 2007 sad-data tal-effettiv pagament",* meta fil-fatt ma kien hemm ebda ftehim bejn il-kontendenti sabiex il-Bank jikkoncedi lill-konvenut *Loan Facility* tant li mill-provi prodotti jidher li l-Bank offra din il-*Loan Facility* lill konvenut biss fis-16 ta' Mejju 2007 (fol. 58), liema facilita' qatt ma giet accettata mill-konvenut. Fil-fatt tali facilita' giet offruta sabiex *"to refund with the equivalent value Lm3,878.47 of Cheque 548054 for GBD6000 returned to us with the remark "suspicion of fraud" plus interest compounded on the amount"* u fl-istess ittra hemm it-termini ta' pagament li kellhom ikunu ghal sentejn b'24 pagamenti mensili ta' Lm184. Din l-offerta regghet saret fit-12 ta' Gunju 2007, izda l-konvenut mhux biss qatt ma accetta, izda lanqas jidher li qatt talab

ghal tali facilita' u dan kif jidher mix-xhieda tal-konvenut datata 6 ta' Lulju 2009. Ghaliex ghamel hekk il-Bank ma huwiex car, ghalkemm huwa jiccita prassi tieghu, izda jirrizulta zgur mix-xhieda ta' Martin Vella bhala rapprezentant tal-Bank li huwa (Dok. "BOV 1" – fol. 21) lanqas biss isemmi din il-facilita'; mix-xhieda ta' Victoria Cassar, impjegata tal-istess Bank (Dok. "BN 2" – fol. 33) hija sostniet adirittura li l-Bank offra *loan* lill-konvenut li dan ma accettax. Mela allura l-premessa u l-kawzali li fuqha hija bbazata l-azzjoni attrici hija zbaljata u ma gietx ippruvata u dan peress li ma kien hemm l-ebda self da parte tal-Bank lill-konvenut u lanqas ebda ftehim ta' *loan facility* kif indikat mis-socjeta' attrici fl-avviz tal-kawza taghha mahrug kontra l-konvenut.
Illi ma dan jinghad li huwa wkoll inkoncepibbli legalment li abbazi tar-rizultanzi processwali attwali ssir kawza ghall ammont shih tal-ammont li qed jigi allegat li l-konvenut allura ha taht *loan facility*, meta effettivament jirrizulta li l-konvenut lahaq gibed biss mill-ammont disponibbli ghalih wara li ssararraf ic-cekk imsemmi, biss is-somma ta' Lm2,590.16 mis-somma ta' Lm3,878.47, proprju ghaliex il-Bank stess ex admissis imblokka l-bilanc li kien fadal fl-istess kont ta' Lm1,181.54. Jekk qed issir talba abbazi ta' flus li ghaddew ghand il-konvenut fuq allegat kuntratt ta' *loan facility,* mela allura s-somma li ghandha tigi miltuba *se mai* hija s-somma li attwalment inhadhet mill-klijent, u mhux dik li baqghet ghand il-Bank stess. B'hekk l-ewwel aggravju qed jigi rispint.

Illi dwar il-punt li abbazi tal-**artikolu 213 tal-Kap. 12** tali azzjoni xorta treggi ghaliex *"gie pruvat jedd l-iehor ghad li dan il-jedd l-iehor ma jkun jidhol sew fit-talba originali",* dan qed jigi bbazat fuq il-pretesnjoni da parte tal-Bank li meta ssarraf ic-cekk prezentat mill-konvenut, dan ghamlu suggett ghar-*right of recourse* li l-Bank qed jghid li zamm meta l-konvenut gibeb l-ammonti ndikati mill-flus maghmula disponibbli ghalih f'kont wara li l-bank accetta u saraf ic-cekk esteru, u wara li ghaddew it-30 gurnata li l-Bank izomm tali fondi mid-data tal-prezentata tac-cekk, sabiex jikklerja tal-cekk. Jidher li c-cekk gie prezentat fit-3 ta' Novembru 2006 u l-ammont ta' Lm2,590.16 (Dok. "MV 5" u Dok. "MV 6") gew migbuda mill-konvenut (allura wara

li ghaddew 30 gurnata) fit-12 ta' Dicembru u 28 ta' Dicembru 2006.

Illi fuq dan il-Qorti thoss li l-pretensjoni hawn taht ezami hija kompletament differenti mill-kawzali tal-azzjoni attrici, u dan ghaliex issa qed tigi bbazata mhux fuq *loan facility* li l-Bank akkorda lill-konvenut, izda fuq binarju ghal kollox differenti, u cjoe' l-kondizzjonijiet li skond il-Bank, abbazi tieghu allegatament intlahaq ftehim mal-konvenut sabiex jigi msarraf l-istess cekk; fl-opinjoni ta' din il-Qorti din hija kawzali ghall kollox differenti minn dik li biha giet proposta l-azzjoni attrici, u ghalhekk l-**artikolu 213 tal-Kap. 12** ma' jistax u ma ghandhux jigi utilizzat sabiex tinbidel kompletament il-kawzali abbazi ta' liema saret l-azzjoni attrici; din ma hijiex kwistjoni ta' formalissmu, izda ta' pretensjoni ghall-kollox differenti minn dik indikata fl-avviz, li anke jekk jigi kkonsidrat it-tieni paragrafu tal-istess avviz, xorta wahda jirrizulta li l-azzjoni attrici hija ppermjeta fuq allegat kuntratt ta' *loan facility* li effettivament ma jirrizultax li kien jezisti mal-konvenut u allura l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qalet li *"ghalhekk trattasi f'dan il-kaz, ta' premessa li ma tezistix la fil-fatt u la fid-dritt, il-Qorti ma tistax takkolji it-talba in ezami".* Ghalhekk anke dan it-tieni aggravju qed jigi michud.

Illi f'dan l-isfond din il-Qorti tinnota wkoll li l-kawzali tal-Avviz mertu tal-kawza odjerna huwa ghal kollox differenti minn dik li kienet tifforma l-bazi tal-ittra ufficjali datata 30 ta' Awwissu 2007 li s-socjeta' attrici pprezentat sabiex tipprocedi skond l-**artikolu 166A tal-Kap. 12** (fol. 3) kontra l-konvenut odjern, fejn fl-istess ittra ufficjali l-allegat loan facility lanqas biss issemma, u dan jikkonferma li hemm differenza sostanzjali bejn il-pretensjoni kif imposta fl-ittra ufficjali u dik fl-azzjoni odjerna, tant li n-natura taghha hija ghall kollox differenti, nkluz fl-ammont rikjest.

Illi dwar l-ahhar aggravju din il-Qorti thoss li l-punt li kellhu u li ghandhu jigi deciz f'din il-kawza huwa jekk kif formulata l-azzjoni attrici fuq allegat kreditu naxxenti minn loan facility, dan jirrizultax jew le, u din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti sostniet li l-azzjoni attrici kif proposta ma

tistax tirnexxi ghaliex ma giex ippruvat li hemm tali ftehim jew kuntratt bejn il-partijiet. Dan huwa li ddecidiet l-Ewwel Qorti u dan huwa dak li qed tiddeciedi din il-Qorti. Ghalhekk dan l-ahhar aggravju qed jigi wkoll respint.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat datata 3 ta' Dicembru 2010 in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell tas-socjeta' appellanti Bank of Valletta p.l.c. fir-rikors tal-appell taghha datat 16 ta' Novembru 2010 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Adrian Caruana" (Avviz Numru 357/2007 JAB) datata 3 ta' Novembru 2010 ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti Bank of Valletta p.l.c.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------